MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-16 ta' Jannar, 2006

Appell Kriminali Numru. 21/2005

**Il-Pulizija**

**v.**

**Carmel Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Carmel Camilleri talli fil-21 ta’ April 2004, ghall-habta tas-6.40 f’St. Paul’s Street, Naxxar waqt li kien bil-vettura Nru. KAP-921, rema, tefa’ jew waqqa’ jew halla li jaqaghlu skart jew materjal iehor f’post li l-pubbliku ghandu dritt jew jista’ jidhol fih minghajr hlas u halla xi haga tkun li tkun f’cirkostanzi tali li tikkaguna, tikkontribwixxi, jew li tista’ twassal ghat-tkerrieh bl-imsemmi skart jew materjal iehor fl-imsemmi post;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-20 ta' Jannar 2005, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Carmel Camilleri hati skond l-imputazzjoni dedotta u kkundannatu ghal multa ta' mitejn liri Maltin (Lm200) u ordnat lill-Kummissarju tal-Pulizija jiehu dawk il-passi necessarji sabiex l-appellant (allura imputat) jitressaq quddiem Qorti kompetenti mixli b'gurament falz;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Carmel Camilleri pprezentat fil-31 ta' Jannar 2005 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka, thassar u tannulla s-sentenza appellata stante illi ma gewx sodisfatti l-kriterji w l-elementi rikjesti mill-Art. 3 tal-Kap. 206 tal-Ligijiet ta' Malta u dan skond dawk il-provvedimenti u modalitajiet li din il-Qorti jidhrilha xierqa w opportuni;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant huwa fis-sens li l-imputazzjoni kif dedotta ai termini ta' l-artikolu 3 tal-Kap. 206 tal-Ligijiet ta' Malta, f'ebda hin ma giet ippruvata. Jghid li kemm mix-xiehda tieghu kif ukoll minn dik ta' P.C. 1267 ma jirrizulta b'ebda mod li huwa rema, tefa' jew iddepozita r-ramel li kien qieghed igorr fuq il-vettura tieghu fit-triq, fuq l-istess P.C. 1267 jew fuq vetturi ohrajn li kienu qed isuqu warajh. Skond l-appellant, l-artikolu 3 tal-Kap. 206 citat mill-Qorti jikkontempla u huwa intiz sabiex jissanzjona kull tip ta' rimi ta' skart b'mod illegali. Pero` x-xiehda ta' P.C. 1267 kienet kollha tirrigwarda l-kaz ta' trakk bix-xoghol u l-allegazzjoni li ma kienx mghotti. L-appellant isostni li huwa impossibbli li trakk mghobbi bir-ramel ma jtirx xi ftit minnu, u zgur li tali kaz ma jaqax fil-mansjonijiet ta' l-artikolu 3 tal-Kap. 206, izda semmai hija materja kontemplata mir-regolament 64 fit-Taqsima VII ta' l-Avviz Legali 146 tal-2003. Ghalhekk, jissottometti l-appellant, kien hemm applikazzjoni skorretta tal-ligi, u dan aktar u aktar meta jigi mehud in konsiderazzjoni li l-punt li fuqu ghamlet enfasi l-prosekuzzjoni kif ukoll l-ewwel Qorti kien proprju dak tan-

nuqqas o meno da parti tieghu li jghatti l-vettura tieghu u mhux dak ta’ *illegal dumping*.

Din il-Qorti m’ghandha l-ebda dubbju li l-prosekuzzjoni riedet takkuza lill-appellant bi ksur ta’ l-artikolu 3 tal-Kap. 206 tal-Ligijiet ta’ Malta[1] peress illi fuq il-komparixxi stess hemm indikata proprju dik id-disposizzjoni tal-ligi. Dan l-artikolu jiddisponi testwalment hekk:

**“Hadd ma jista’ jarmi, jitfa’ jew xort’ohra jiddepozita f’post, gewwa post, jew minn xi post, fil-berah li l-pubbliku ghandu d-dritt jew jista’ jidhol fih minghajr hlas, u jhalli, xi haga tkun li tkun f’cirkostanzi tali li tikkaguna, tikkontribwixxi, jew li tista’ twassal ghal, it-tkerrih biz-zibel u skart ta’ xi post fil-berah, kemm-il darba dak id-depozitu u t-thollija ma jkunux awtorizzati b’ligi.”**

Il-mod kif giet formulata l-imputazzjoni pero` ma tirrispekkjax it-test preciz tal-ligi u ghalhekk dak li hemm mahsub fl-imsemmi artikolu. Difatti, filwaqt li l-prosekuzzjoni takkuzah li “rema jew tefa’ skart jew materjal iehor”, takkuzah ukoll li “waqqa’ jew halla li jaqaghlu skart jew materjal iehor”. Dawn huma atti li l-artikolu 3 ma jsemmix. Skond l-imsemmi artikolu, huwa hati ta’ reat kontra dak l-artikolu kull min “jarmi u jhalli” jew “jitfa` u jhalli” jew “jiddepozita u jhalli” zibel u skart. Jigifieri l-ligi hawn qed tikkontempla atti doluzi ta’ *illegal dumping*, u kull min jaghmel hekk ikun qed iwettaq delitt suggett ghall-piena tal-multa[2]. Huma sitwazzjonijiet fejn il-hati jkun ghamel atti volontarji ta’ rimi, tfigh jew depozitar ta’ zibel u skart.

Issa, mill-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti huwa evidenti li qieset veritjera x-xiehda ta’ P.C. 1267 u mhux dik ta’ l-appellant, u din il-Qorti m’ghandha l-ebda raguni biex tvarja tali apprezzament. Ghalhekk se tibbaza l-kunsiderazzjonijiet taghha ta’ fatt fuq ix-xiehda ta’ P.C. 1267. Minn din ix-xiehda jirrizulta li fil-21 ta’ April 2004 l-appellant kien tiela’ t-telgha maghrufa bhala T’Alla u

[1] Att dwar Zibel u Skart.
[2] Artikolu 9 ta’ l-Att dwar Zibel u Skart, Kap. 206 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ommu fid-direzzjoni tan-Naxxar u x-xhud kien warajh bil-mutur. L-appellant kien qieghed isuq trakk mimli bir-ramel minghajr ma kien mghotti u l-ghabra tat-trab beda jtir mill-wicc ta' fuq u kien qed jimtela' hu u l-karrozzi ta' warajh. Ix-xhud waqqaf lill-appellant, gibidlu l-attenzjoni u l-appellant nizel u ghattieh. Skond ix-xhud, din kienet it-tieni darba li waqqfu, izda filwaqt li l-ewwel darba semplicement ammonieh, din id-darba nforma lill-appellant li se jharrku.

Minn dawn il-fatti huwa evidenti, u anke l-ewwel Qorti sostnietu fis-sentenza taghha, li n-nuqqas ta' l-appellant kien li jghatti t-taghbija tieghu kif imiss sabiex jigi pprevenut li xi parti minnha taqa' fit-triq, kontravvenzjoni kontemplata fir-regolament numru 64 tar-Regolamenti dwar il-Garr Stradali ta' Merkanzija b'Vetturi bil-Mutur (Avviz Legali Numru 146/2003) li jipprovdi hekk:

**"Vettura tal-merkanzija uzata fit-triq ghandu jkollha t-taghbija maqfula tajjeb jew mghottija kif imiss sabiex jigi pprevenut li xi parti minnha taqa' fit-triq jew mod iehor tipperikola s-sigurta` tat-traffiku jew tal-persuni."**

Ghalhekk, fic-cirkostanzi rizultanti, l-appellant kien imissu nstab hati - kif sejjer jigi dikjarat minn din il-Qorti - ta' dik il-kontravvenzjoni.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu ddikjarat lill-appellant hati ta' l-imputazzjoni kif dedotta u kkundannatu ghall-hlas ta' multa ta' mitejn liri Maltin (Lm200), tiddikjarah mhux hati ta' tali imputazzjoni u minnha tilliberah, izda minfok ssibu hati talli fil-21 ta' April 2004 ghall-habta tas-6.40 a.m. f'St. Paul Street, Naxxar, saq il-vettura KAP-921 minghajr ma t-taghbija kienet mghottija kif imiss sabiex jigi pprevenut li xi parti minnha taqa' fit-triq jew mod iehor tipperikola s-sigurta` tat-traffiku jew tal-persuni u, wara li rat ir-regolament 64 ta' l-A.L. 146/2003, l-artikoli 54, 55(1) tal-Kap. 65 u l-artikolu

13 tal-Kap. 9, tikkundannah ghall-hlas ta' *ammenda* ta' hamsa u ghoxrin liri Maltin (Lm25).

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------